SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

29 ta' Lulju 2010 *

Fil-Kawża C-214/09 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2009,

Anheuser-Busch Inc., stabbilita f'Saint Louis (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn V. von Bomhard u B. Goebel, avukati,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn A. Folliard-Monguiral, bħala aġent,

konvenut fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Budějovický Budvar, národní podnik, stabbilita f'České Budějovice (Ir-Repubblika Ċeka), irrappreżentata minn K. Čermák, avukat,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot (Relatur), President tal-Awla, C. Toader, K. Schiemann, L. Bay Larsen u J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Mejju 2010,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Anheuser-Busch Inc. (iktar 'il quddiem "Anheuser-Busch") qiegħda titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-25 ta' Marzu 2009, Anheuser-Busch vs UASI — Budějovický Budvar (BUDWEISER) (T-191/07, Ġabra p. II-691, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha dik il-qorti ċaħdet ir-rikors ta' Anheuser-Busch intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-20 ta' Marzu 2007 (Każ R 299/2006-2, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), li rrifjuta r-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali BUDWEISER billi laqa' l-oppożizzjoni mressqa kontra din ir-reġistrazzjoni minn Budějovický Budvar, národní podnik (iktar 'il quddiem "Budvar").

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 40/94

2 L-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), applikabbli għall-kawża ineżami u li ġie sussegwentement imħassar u ssostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1), intitolat "Raġunijiet relattivi għal rifjut", jipprovdi:

"Jekk issir opposizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark m'għandhiex tiġi milqugħa:

a) jekk tkun identika għal trade mark preċedenti u jekk il-prodotti jew servizzi fir-rigward ta' liem qiegħda ssir l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni huma identiċi mal-prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark preċedenti;

b) jekk minħabba identiċità jew xebh bejn iż-żewġ trade marks u l-identiċità jew xebħ tal-prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks teżisti probabbiltà ta' konfużjoni minn naħa tal-publiku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta; il-probabbiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabiltà li ssir assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti."

3 Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 40/94, intitolat "L-użu ta' trade marks Komunitarji":

"1. Jekk, fi żmien ħames snin wara r-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma jkunx għamel użu ġenwin mit-trade mark Komunitarja fil-Komunità f'konnessjoni mal-prodotti jew mas-servizzi li għalihom tkun reġistrata, jew jekk dan l-użu jkun ġie sospiż għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, it-trade mark Komunitarja taqa' soġġetta għas-sanzjonijiet li jipprovdi dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet xierqa għal dan in-nuqqas ta' użu.

2. Dawn li ġejjin jikkostitwixxu użu kif inhu mifhum fil-paragrafu 1:

a) l-użu ta' trade mark Komunitarja f'forma li hija differenti imma biss fir-rigward ta' ċerti elementi li ma jbiddlux il-karattru distintiv tal-marka fil-forma kif hija giet reġistrata;

[…]"

4 L-Artikolu 42(3) tar-regolament imsemmi jipprovdi:

"L-opposizzjoni għandha tiġi espressa bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet li fuqhom tkun qiegħda issir. L-opposizzjoni ma tistax titqies li tkun ġiet preżentata kif dovut qabel ma jsir il-ħlas tad-dritt ta' l-opposizzjoni. Fi żmien perjodu stabbilit mill-[UASI], l-opponent jista' jissottometti fatti, xiehda [provi] u argumenti sabiex isaħħaħ il-każ tiegħu."

5 L-Artikolu 43(1) sa (3) tar-Regolament Nru 40/94 huwa fformulat kif ġej:

"1. Waqt l-eżaminazzjoni ta' l-opposizzjoni l-[UASI] għandu jistieden lill-partijiet, kemm jista' jkun spiss [kull meta jkun neċessarju], sabiex jippreżentaw osservazzjonijiet, fi żmien iffisat lilhom mill-[UASI], dwar il-komunikazzjonijiet mill-partijiet l-oħrajn jew maħruġin minnu stess.

2. Fuq talba ta' l-applikant, il-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja preċedenti li jkun għamel notifika [oppożizzjoni] għandu iġib provi li, waqt il-perjodu ta' ħames snin

qabel id-data ta' publikazzjoni ta' l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja, ikun sar użu ġenwin mit-trade mark Komunitarja preċedenti fil-Komunità f'konnessjoni mal-prodotti jew servizzi li għalihom hija tkun reġistrata u li huwa qiegħed isemmi bħala ġustifikazzjoni għall-opposizzjoni tiegħu, jew li hemm raġunijiet validi għalfejn m'għandhiex tintuża, sakemm it-trade mark Komunitarja preċedenti tkun f'dik id-data ilha reġistrata għal mhux inqas minn ħames snin. F'nuqqas ta' provi ta' din ix-xorta, l-opposizzjoni għandha tiġi miċħuda. Jekk it-trade mark Komunitarja preċedenti tkun intużat f'konnessjoni ma' parti biss mill-prodotti jew servizzi li għalihom tkun reġistrata, hija għandha, għall-finijiet ta' l-eżaminazzjoni ta' l-opposizzjoni, titqies li hija reġistrata biss f'konnessjoni ma dik il-parti tal-prodotti jew servizzi.

3. Il-paragrafu 2 japplika għal trade marks nazzjonali preċedenti msemmija fl-Artikolu 8(2)(a), u dana billi l-użu fl-Istat Membru fejn it-trade mark nazzjonali preċedenti hija protetta jiġi sostitwit b'użu fil-Komunità."

6 It-Taqsima 1, intitolata "Dispożizzjonijiet Ġenerali", tat-Titolu IX tar-Regolament Nru 40/94, iddedikat għad-dispożizzjonijiet proċedurali, tinkludi l-Artikolu 74, bit-titolu "L-eżaminazzjoni tal-fatti mill-[UASI] fuq inizjattiva tiegħu stess", li jipprovdi:

"1. Fi proċedimenti quddiemu l-[UASI] għandu jeżamina l-fatti fuq l-inizjattiva tiegħu stess; madanakollu, fi proċedimenti li jirrigwardaw raġunijiet relattivi għal ċaħda ta' reġistrazzjoni, l-[UASI] għandu jkun ristrett għal eżaminazzjoni ta' fatti, ta' provi u ta' argumenti ippreżentati mill-partijiet u tar-rimedji mitluba.

2. L-[UASI] jista' ma jikkunsidrax fatti jew provi li ma jiġux preżentati fil-ħin preskritt mill-partijiet konċernati."

7 Skont l-Artikolu 76(1) ta' dan ir-regolament:

"F'kull proċedimenti quddiem l-[UASI], l-miżati [il-miżuri] ta' kif għandha tingħata jew tinkiseb ix-xiehda għandhom jinkludu dan li ġej:

a) is-smigħ tal-partijiet;

b) talbiet għall-informazzjoni;

ċ) il-preżentata ta' dokumenti u prodotti oħra ta' xiehda;

d) is-smigħ ta' xhieda;

e) l-opinjonijiet ta' esperti;

f) stqarrijiet bil-miktub ġuramentati jew affermati jew li għandhom effett simili taħt il-liġi ta' l-Istat fejn tinkiteb l-istqarrija."

Ir-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995

8 Ir-Regola 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplementa r-Regolament Nru 40/94 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implementazzjoni tal-1995"), tipprovdi:

"1. Kull avviż [att] ta' oppożizzjoni jista' jkun fih dettalji tal-fatti, provi u argumenti preżentati biex isaħħu l-oppożizzjoni, flimkien mad-dokumenti annessi rilevanti.

2. Jekk l-oppożizzjoni hija bbażata fuq trade mark preċedenti li mhijiex trade mark tal-Komunità, l-avviż ta' oppożizzjoni għandu preferibilment ikollu miegħu prova tar-reġistrazzjoni jew applikazzjoni għal dik il-marka preċedenti, per eżempju ċertifikat ta' reġistrazzjoni. […]

3. Id-dettalji tal-fatti, provi u argumenti u dokumenti oħra annessi kif imsemmi fil-paragrafu 1, u l-provi msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu, jekk ma jingħatawx flimkien ma' l-avviż ta' oppożizzjoni jew wara, jingħataw f'dak iż-żmien wara l-bidu tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni kif l-[UASI] jista' jispeċifika skond ir-Regola 20(2)."

9 Skont ir-Regola 20(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995:

"Meta l-avviż [att] ta' oppożizzjoni ma jkunx fih dettalji tal-fatti, provi u argumenti kif imsemmi f'Ir-Regola 16 (1) u (2), l-[UASI] għandu jsejjaħ lill-parti li tkun qegħda topponi biex tagħti dawn id-dettalji fi żmien speċifikat mill-[UASI]. Kwalunkwe sottomissjoni mill-parti li tkun qegħda topponi għanda tkun komunikata lill-applikant li għandu jingħata opportunità li jirrispondi fi żmien speċifikat mill-[UASI]."

10 Ir-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995 ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1041/2005, tad-29 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287 M, 18.10.2006, p. 12, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implementazzjoni tal-2005"), li daħal fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2005.

11 Ir-Regola 18(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-2005 tipprovdi:

"Meta l-oppożizzjoni tinstab li hi ammissibbli skond ir-Regola 13 [17], l-[UASI] għandu jibgħat komunikazzjoni lill-partijiet u jinfurmhom li l-proċedimenti ta' l-oppożizzjoni għandhom jibdew xahrejn wara li tasal il-komunikazzjoni. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż sa total ta' 24 xahar jekk iż-żewġ partijiet jissottomettu talbiet għal estensjoni simili qabel jiskadi l-perjodu."

12 Ir-Regola 19 tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-2005 tipprovdi:

"1. L-[UASI] għandu jagħti lill-parti li qed topponi l-opportunit[à] biex tippreżenta l-fatti, evidenza u argumenti b'appoġġ għall-oppożizzjoni tagħha jew biex ittemm il-fatt, evidenza jew argumenti li kienu ġa sottomessi skond Regola 15 (3), fi żmien perjodu speċifikat minnha [mill-UASI] u li għandu jkun ta' għall-anqas xahrejn li jibdew mid-data li fiha l-proċedimenti ta' l-oppożizzjoni kellhom jibdew skond Regola 18 (1).

2. Fi żmien il-perjodu msemmi f'paragrafu 1, il-parti li qed topponi għandha wkoll tiffajlja prova ta' eżistenza, validit[à] u skop tal-protezzjoni tal-marka preċedenti jew dritt preċedenti, kif ukoll evidenza li turi d-dritt li għandha biex tiffajlja oppożizzjoni. B'mod partikolari, il-parti li qed topponi għandha tipprovdi l-evidenza li ġejja:

a) jekk l-oppożizzjoni hi bbażata fuq trejdmark li m'hijiex trejdmark tal-Komunit[à], trid tiġi sottomessa evidenza ta' l-iffajljar jew reġistrazzjoni tagħha, billi tiġi sottomessa:

[…]

ii) jekk it-trejdmark hi rreġistrata, kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni relevanti u, jekk ikun il-każ, [ta'] l-aħħar ċertifikat ta' tiġdid, li juri li l-perjodu ta' protezzjoni tat-trejdmark jestendi sa wara l-limitu ta' żmien imsemmi f'paragrafu 1 u kull estensjoni ta' dan, jew dokumenti ekwivalenti maħruġa mill-amministrazzjoni li magħha ġiet reġistrata t-trejdmark;

[…]

4. L-[UASI] ma jiħux in konsiderazzjoni sottomissjonijiet miktuba jew dokumenti, jew partijiet minnhom, li ma ġewx sottomessi, jew li ma ġewx tradotti bil-lingwa tal-proċedimenti, fil-perjodu taż-żmien stipulat mill-[UASI]."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

13 Il-fatti li wasslu għall-kawża u li tressqu quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza (li mill-1 ta' Diċembru 2009 saret il-Qorti Ġenerali), kif jirriżultaw mis-sentenza appellata, jistgħu jitqassru kif ġej.

14 Fl-1 ta' April 1996, Anheuser-Busch ippreżentat applikazzjoni quddiem l-UASI għar-reġistrazzjoni, bħala trade mark Komunitarja, tas-sinjal verbali "budweiser" fir-rigward ta' prodotti li jaqgħu fil-klassi 32 tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Gunju 1957, kif irrivedut u emendat, u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni segwenti: "Birra, ale (birra ċara), porter (birra skura), xorb magħmul mix-xgħir alkoħoliku u mhux alkoħoliku".

15 Fit-28 ta' Settembru 1999, Budvar ressqet oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni fir-rigward tal-prodotti kkonċernati kollha filwaqt li invokat, abbażi tal-Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 40/94, minn naħa, l-eżistenza ta' tliet trade marks, jiġifieri:

— it-trade mark internazzjonali verbali BUDWEISER (R 238 203) (iktar 'il quddiem it-"trade mark R 238 203"), irreġistrata fir-rigward tal-"birra ta' kull tip", b'effett fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fil-Benelux u fl-Italja,

— it-trade mark internazzjonali figurattiva li tinkludi t-termini "Budweiser Budvar" (Nru 674 530) (iktar 'il quddiem it-"trade mark Nru 674 530"), irreġistrata fir-rigward tal-prodotti "xgħir" u "birra", b'effett fl-Awstrija, fil-Benelux, fi Franza u fl-Italja, u

— it-trade mark internazzjonali figurattiva li tinkludi t-termini "Budweiser Budvar" (Nru 614 536) (iktar 'il quddiem it-"trade mark Nru 614 536"), irreġistrata fir-rigward tal-prodott "birra", b'effett fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fil-Benelux, fi Franza u fl-Italja.

16 Min-naħa l-oħra, Budvar invokat, fuq il-bażi tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94, diversi denominazzjonijiet ta' oriġini li jinkludu t-terminu "budweiser".

17 L-UASI kien inizjalment stabbilixxa l-24 ta' Ġunju 2000 bħala t-terminu li fih Budvar kellha tippreżenta l-fatti, il-provi u l-argumenti insostenn tal-oppożizzjoni tagħha. Dan it-terminu ġie sussegwentement pospost għas-26 ta' Frar 2002. Id-dokumenti li Budvar bagħtet għal dan il-għan permezz ta' faks waslu kollha kemm huma għand l-UASI fis-27 ta' Frar 2002.

18 Fit-8 ta' Lulju 2002, Anheuser-Busch talbet, skont l-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94, li Budvar tipproduċi prova tal-użu ġenwin mit-trade marks invokati insostenn tal-oppożizzjoni tagħha.

19 Budvar wieġbet għal din it-talba permezz ta' ittra tat-8 ta' Novembru 2002, filwaqt li t-terminu, stabbilit għal dan il-għan mill-UASI f'ittra tal-10 ta' Settembru 2002, kien jiskadi fil-11 ta' Novembru 2002.

20 Fl-ittra msemmija, Budvar għamlet riferiment espliċitu għad-dokumenti li l-UASI rċieva fis-27 ta' Frar 2002 u li kienu ta' natura li jipprovaw l-użu tad-denominazzjonijiet ta' oriġini li jinkludu t-terminu "budweiser", u kkunsidrat li dawn id-dokumenti kienu japplikaw, b'mod partikolari, għat-trade mark R 238 203.

21 Barra minn hekk, quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-UASI, Budvar ipproduċiet, f'anness mal-osservazzjonijiet tagħha tal-21 ta' Jannar 2004, dokument maħruġ mill-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali (WIPO) li jiċċertifika li r-reġistrazzjoni tat-trade mark R 238 203 kienet ġiet imġedda fil-5 ta' Diċembru 2000 (iktar 'il quddiem iċ-"ċertifikat ta' tiġdid").

22 Permezz ta' deċiżjoni inizjali tal-10 ta' Ġunju 2004, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni laqgħet l-oppożizzjoni magħmula minn Budvar billi kkunsidrat, essenzjalment, li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni, fl-Awstrija u fi Franza, bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni u t-trade mark Nru 674 530.

23 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Lulju 2005, it-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI laqa' l-appell ta' Anheuser-Busch mid-deċiżjoni tal-10 ta' Ġunju 2004 għar-raġuni li t-trade mark Nru 674 530 kienet protetta fiż-żewġ Stati Membri msemmija biss wara l-preżentata tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja kkonċernata, u rrinvija l-każ quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

24 Permezz ta' deċiżjoni oħra tat-22 ta' Diċembru 2005, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni reġgħet laqgħet l-oppożizzjoni magħmula minn Budvar. Billi qieset li l-prova tal-użu tat-trade mark R 238 203 kienet insuffiċjenti, hija llimitat l-eżami tagħha għat-trade mark Nru 614 536 u, f'dan id-dawl, iddeċidiet li tieħu inkunsiderazzjoni d-dokumenti pprovduti minn Budvar insostenn tal-oppożizzjoni tagħha. Finalment, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni kkunsidrat, essenzjalment, li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni, fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fil-Benelux, fi Franza u fl-Italja, bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni u l-imsemmija trade mark preċedenti.

25 Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, it-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad l-appell ta' Anheuser-Busch mid-deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 2005.

26 Huwa kkunsidra, kuntrarjament għad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, li t-trade mark R 238 203 setgħet tittieħed inkunsiderazzjoni billi qies, abbażi tad-dokumenti pprovduti minn Budvar, li kienet tressqet prova tal-użu ġenwin minn din it-trade mark.

27 Il-Bord tal-Appell ikkonkluda li, fir-rigward tal-prodotti "birra, ale (birra ċara), porter (birra skura), xorb magħmul mix-xgħir alkoħoliku", l-oppożizzjoni setgħet tintlaqa' abbażi tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 40/94 u li, fir-rigward tal-prodotti l-oħra (jiġifieri "xorb mhux alkoħoliku"), fid-dawl tal-identiċità tat-trade marks u tax-xebh manifest bejn il-prodotti, l-oppożizzjoni setgħet tintlaqa', fir-rigward ta' dawn il-prodotti, fuq il-bażi tal-Artikolu 8(1)(b) tar-regolament imsemmi.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza kkontestata

28 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Mejju 2007, Anheuser-Busch ippreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

29 L-UASI u Budvar talbu li dan ir-rikors jiġi miċħud.

30 Peress li, fl-appell tagħha, Anheuser-Busch tindirizza biss ċerti partijiet mis-sentenza appellata, ser jiġu eżaminati biss dawn il-partijiet.

31 Permezz tat-tieni motiv tagħha, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94, Anheuser-Busch akkużat, b'mod partikolari, lill-Bord tal-Appell talli ma injorax iċ-ċertifikat ta' tiġdid, dokument li ġie pprovdut minn Budvar fil-21 ta' Jannar 2004.

32 F'dan ir-rigward il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 63 sa 71 tas-sentenza appellata, minn naħa, li ksur tal-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94 ma setax jiġi invokat kontra d-deċiżjoni kontenzjuża peress li minn din id-deċiżjoni ma kienx jirriżulta li l-Bord tal-Appell kien qies li ċ-ċertifikat ta' tiġdid ma kienx ġie prodott fil-ħin preskritt u kien applika d-dispożizzjoni msemmija sabiex ikun jista' jieħdu inkunsiderazzjoni, u, min-naħa l-oħra, li, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 78 u 79 tas-sentenza appellata, iċ-ċertifikat imsemmi kien ġie pprovdut fil-ħin preskritt.

33 Fl-imsemmija punti 78 u 79, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod partikolari, li, għalkemm minn qari tar-Regoli 16 u 20 flimkien tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995 jirriżulta li l-UASI jista' jitlob il-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti meta din tkun ser tiskadi wara d-data tal-preżentata tal-att ta' oppożizzjoni, ir-Regola 20(2) tar-regolament imsemmi ma tobbligax lill-opponent jipproduċi, fuq inizjattiva tiegħu stess, tali prova u lanqas ma tispeċifika li l-UASI huwa obbligat jinjora dokument meta dan jitressaq quddiemu tard.

34 Fir-rigward tar-Regola 20(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll, fil-punt 73 tas-sentenza appellata, li, skont l-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94, l-UASI għandu setgħa diskrezzjonali fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi prodotti wara l-iskadenza ta' terminu u li r-regola msemmija ma tistax tiġi interpretata f'sens kuntrarju għal dak li jirriżulta mit-termini ċari tar-regolament imsemmi.

35 Għal finijiet ta' kompletezza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punti 74 sa 77 tas-sentenza appellata, li, fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali kif stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet introdotti permezz tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-2005 fir-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995, b'mod partikolari r-Regola 19(4) tiegħu, ma setgħux jiġu applikati b'mod retroattiv fil-każ ineżami.

36 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tieni motiv imqajjem minn Anheuser-Busch bħala infondat.

37 Permezz tat-tielet motiv tagħha, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94, Anheuser-Busch sostniet li l-elementi pprovduti minn Budvar kienu insuffiċjenti sabiex juru l-użu ġenwin mit-trade mark R 238 203.

38 Wara li fakkret, fil-punti 99 sa 105 tas-sentenza appellata, il-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' użu ġenwin, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 106 tal-istess sentenza, li, fil-każ ineżami, il-Bord tal-Appell kien ikkunsidra li "l-provi prodotti minn Budvar kienu b'mod ċar suffiċjenti sabiex jipprovaw l-użu ġenwin tat-trade mark [...] [R 238 203]" u li l-imsemmi bord tal-appell kien irrefera, b'mod partikolari, għar-reklami li juru stampi tal-birra ta' Budvar li fuqhom tidher it-trade mark BUDWEISER, għall-fatturi mibgħuta lil klijenti fil-Ġermanja u fl-Awstrija, kif ukoll għall-fatt li dawn id-dokumenti kienu jikkonċernaw il-perijodu rilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94.

39 Fir-rigward, l-ewwel nett, tar-reklami, li dehru f'magażin Awstrijak u f'magażins Ġermaniżi, mibgħuta minn Budvar lill-UASI fit-8 ta' Novembru 2002, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 110 tas-sentenza appellata, li Anheuser-Busch ma kinitx qiegħda tikkontesta li dawn id-dokumenti jipprovaw in-natura tal-prodotti (birra), il-post (il-Ġermanja u l-Awstrija) kif ukoll it-tul ta' żmien (1995 għall-Awstrija u bejn l-1996 u l-1998 għall-Ġermanja) tal-użu tat-terminu "budweiser". Fl-istess punt 110, il-Qorti Ġenerali żiedet li Anheuser-Busch lanqas ma kienet qiegħda tikkontesta li l-użu tat-terminu "budweiser", fid-diversi forom użati fir-reklami prodotti minn Budvar, seta' kien jirreferi għat-trade mark R 238 203.

40 It-tieni nett, fir-rigward tar-reklami u tal-fatturi li l-UASI rċevihom kollha fis-27 ta' Frar 2002, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punt 111 tas-sentenza appellata, li Budvar kienet bagħtet dawn id-dokumenti sabiex tipprova l-użu tad-denominazzjonijiet ta' oriġini li jinkludu t-terminu "budweiser", iżda li, fl-ittra tagħha tat-8 ta' Novembru 2002, bi tweġiba għat-talba ta' Anheuser-Busch li tipprova l-użu ġenwin mit-trade marks preċedenti invokati insostenn tal-oppożizzjoni, Budvar kienet għamlet riferiment espliċitu għall-imsemmija dokumenti peress li kkunsidrat li kienu japplikaw, b'mod partikolari, għat-trade mark R 238 203.

41 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 112 tas-sentenza appellata, li Anheuser-Busch ma kinitx qiegħda tikkontesta, quddiem il-Qorti Ġenerali, il-fatt li d-dokumenti inkwistjoni kienu jikkonċernaw l-użu tat-trade mark R 238 203 u li hija lanqas ma kienet qiegħda tikkontesta l-fatt li dawn id-dokumenti kienu jipprovdu provi fir-rigward tal-post, tat-tul ta' żmien u tal-estent tal-użu tat-trade mark imsemmija, provi li, skont il-Qorti Ġenerali kienu barra minn hekk jirriżultaw b'mod ċar mid-dokumenti msemmija.

42 Fl-aħħar nett, fil-punt 114 tas-sentenza appellata, fir-rigward tal-argument ta' Anheuser-Busch li l-Bord tal-Appell kien imissu bbaża ruħu fuq kunsiderazzjonijiet oħra, bħan-natura tal-użu tat-trade mark R 238 203 fil-Ġermanja u fl-Awstrija, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li kien biżżejjed li jiġi osservat f'dan ir-rigward li l-Bord tal-Appell kien għamel riferiment għar-reklami li juru l-istampi tal-"birra" ta' Budvar bl-imsemmija trade mark preċedenti. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ukoll li n-natura tal-użu ta' din it-trade mark, jiġifieri sa fejn sar riferiment għall-birra, kienet tirriżulta kemm mir-reklami u kif ukoll mill-fatturi prodotti minn Budvar u li, billi rrefera għall-fatturi, il-Bord tal-Appell kien impliċitament, iżda neċessarjament, ikkunsidra din l-istess natura tal-użu.

43 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tielet motiv imqajjem minn Anheuser-Busch bħala infondat.

44 Il-Qorti Ġenerali għalhekk ċaħdet ir-rikors għal annullament fl-intier tiegħu.

It-talbiet tal-partijiet

45 Permezz tal-appell tagħha, Anheuser-Busch titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza appellata, u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

46 L-UASI u Budvar jitolbu li l-appell jiġi miċħud u li Anheuser-Busch tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

47 Insostenn tal-appell tagħha, Anheuser-Busch tinvoka tliet aggravji bbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94, moqri flimkien mar-Regoli 16(1) u (3), u 20(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94 u, it-tielet wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 43(2) u (3) ta' dan ir-regolament tal-aħħar.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94, moqri flimkien mar-Regoli 16(1) u (3), u 20(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995

L-argumenti tal-partijiet

48 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Anheuser-Busch issostni li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94 adottata mill-Qorti Ġenerali fil-punti 78 u 79 tas-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

49 Fil-fehma tagħha, din l-interpretazzjoni tikkontrasta b'mod ċar mal-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti Ġenerali kif ukoll ma' dik li kienet il-prassi kostanti tal-UASI għal diversi snin, b'mod iktar preċiż sal-kodifikazzjoni ta' din l-interpretazzjoni u ta' din il-prassi fir-Regola 19 tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-2005.

50 Fil-fatt, mis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' April 2005, Atomic Austria vs UASI — Fabrica Agrupadas de Muñecas de Onil (ATOMIC BLITZ), (T-318/03, Ġabra p. II-1319), u tat-13 ta' Settembru 2006, MIP Metro vs UASI — Tesco Stores (METRO) (T-191/04, Ġabra p. II-2855), jirriżulta li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra, l-istess bħalma jagħmel l-UASI, li, meta jintalab jipprovdi l-fatti, l-provi u l-argumenti insostenn tal-oppożizzjoni tiegħu, l-opponent għandu l-obbligu li jagħmel dan fit-terminu mogħti mill-UASI u li dan l-obbligu jkopri l-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti meta din tkun ġiet imġedda fil-frattemp, sakemm tali prova ma tkun tirriżulta minn ebda wieħed mid-dokumenti pprovduti mal-att ta' oppożizzjoni.

51 Il-prassi kostanti tal-UASI, jiġifieri li jintalab li tiġi pprovduta, fil-ħin preskritt, il-prova tat-tiġdid, kienet wasslet għal emenda tal-linji gwida tiegħu u sussegwentement għal kodifikazzjoni tar-Regola 19(2)(a)(ii) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-2005.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, billi ma rrikonoxxietx l-obbligu ta' Budvar li tipprovdi ċ-ċertifikat ta' tiġdid tat-trade mark R 238 203 fid-data li fiha kellhom jiġu ppreżentati l-fatti, il-provi u l-argumenti insostenn tal-oppożizzjoni, jiġifieri s-26 ta' Frar 2002, il-Qorti Ġenerali waslet għall-konklużjoni żbaljata li l-Bord tal-Appell kellu diskrezzjoni jekk jieħux inkunsiderazzjoni jew le dan iċ-ċertifikat, li kien ġie ppreżentat tard.

53 L-UASI jirribatti li l-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali huma fondati fid-dritt peress li għalkemm, skont ir-Regoli 16 u 20 tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995, huwa stess jew parti fi proċedimenti ta' oppożizzjoni setgħu jitolbu l-prova tat-tiġdid ta' dritt preċedenti li jkun ser jiskadi matul il-proċedimenti, dan ma kienx jimplika, kif barra minn hekk tikkonferma l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali invokata minn Anheuser-Busch, li l-proprjetarju ta' dan id-dritt preċedenti kellu l-obbligu jipprovdi, fuq inizjattiva tiegħu stess, iċ-ċertifikat ta' tiġdid.

54 L-UASI jfakkar, barra minn hekk, li t-terminu inizjalment mogħti mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni għall-produzzjoni ta' provi insostenn tal-oppożizzjoni, imressqa fit-28 ta' Settembru 1999, kien l-24 ta' Ġunju 2000 u li t-trade mark R 238 203 kellha tiġi mġedda sa mhux iktar tard mill-5 ta' Diċembru 2000. Issa, ebda dispożizzjoni tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995 ma teżiġi prova ta' avveniment futur, f'dan il-każ prova tal-imsemmi tiġdid. Għalkemm it-terminu stabbilit inizjalment ġie sussegwentement pospost sas-26 ta' Frar 2002, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ma talbitx espliċitament li tiġi pprovduta prova ta' tiġdid f'dan it-terminu.

55 Budvar tosserva li l-att ta' oppożizzjoni tagħha kellu miegħu numru ta' annessi komposti minn dokumenti ta' sostenn dettaljati u ċertu numru ta' provi, fosthom iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tat-trade mark R 238 203 li jistabbilixxi l-validità ta' din it-trade mark fid-data tal-preżentata tal-att ta' oppożizzjoni. Hija b'hekk kienet osservat l-obbligu tagħha li "[t]issottometti fatti, xiehda [provi] u argumenti sabiex isaħħaħ il-każ [tagħha]" u ma kellhiex l-obbligu tippreżenta, wara d-data tal-preżentata tal-att ta' oppożizzjoni, iċ-ċertifikat ta' tiġdid.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

56 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Anheuser-Busch issostni essenzjalment li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 79 tas-sentenza appellata, minn qari tal-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94 flimkien mar-Regoli 16(1) u (3), u 20(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995 jirriżulta li l-opponent għandu jipprovdi, fuq inizjattiva tiegħu stess, il-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti li huwa l-proprjetarju tagħha, invokata taħt l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 40/94, flimkien mal-fatti, provi u argumenti l-oħra ppreżentati insostenn tal-oppożizzjoni fit-terminu mogħti mill-UASI skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94, fil-każ li tali tiġdid iseħħ wara d-data tal-preżentata tal-att ta' oppożizzjoni iżda qabel jintemm dan it-terminu.

57 F'dan ir-rigward għandu jiġi kkonstatat li, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, la l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94 u lanqas ir-Regoli 16(1) u (3), u 20(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995 ma jippreċiżaw liema huma l-fatti, il-provi u l-argumenti li għandhom jiġu ppreżentati insostenn tal-oppożizzjoni fit-terminu mogħti skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94.

58 B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet imsemmija ma jagħtu ebda indikazzjoni fissens li l-opponent għandu jipprovdi, fuq inizjattiva tiegħu stess u fit-terminu msemmi, il-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti invokata fil-każ li dan it-tiġdid iseħħ wara l-preżentata tal-att ta' oppożizzjoni.

59 Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, kuntrarjament għal dak li ssostni Anheuser-Busch, tali interpretazzjoni la tirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari mis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Atomic Austria vs UASI — Fabricas Agrupadas de Muñecas de Onil (ATOMIC BLITZ) u MIP Metro vs UASI — Tesco Stores (METRO), u lanqas minn prassi kostanti tal-UASI qabel l-adozzjoni tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-2005.

60 Fil-kawżi li wasslu għal dawn iż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ġenerali, l-UASI kien talab b'mod espliċitu li l-opponent jipproduċi l-prova tat-tiġdid tat-trade marks preċedenti fit-terminu mogħti skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94 fil-każ li dan it-tiġdid iseħħ qabel l-iskadenza tat-terminu msemmi. F'dawk il-kawżi, il-kwistjoni għalhekk ma kinitx jekk l-opponent kellux l-obbligu jipproduċi, fuq inizjattiva tiegħu stess, tali prova. Għall-kuntrarju, din hija l-kwistjoni f'din il-kawża peress li huwa paċifiku li, f'dan il-każ, l-UASI ma stedinx b'mod espliċitu lill-opponent sabiex jipprovdi tali prova.

61 Barra minn hekk, fis-sentenza Atomic Austria vs UASI — Fabricas Agrupadas de Muñecas de Onil (ATOMIC BLITZ), iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, anki fil-preżenza ta' talba espressa għall-produzzjoni tal-prova ta' tiġdid tat-trade mark preċedenti skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94, l-UASI ma setax jiċħad l-oppożizzjoni minħabba n-nuqqas ta' produzzjoni ta' tali prova.

62 Fil-punt 40 tas-sentenza Atomic Austria vs UASI — Fabricas Agrupadas de Muñecas de Onil (ATOMIC BLITZ), iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali fil-fatt iddeċidiet li l-opponent jista' jagħżel liema prova jikkunsidra effettiva sabiex jippreżentaha

lill-UASI insostenn tal-oppożizzjoni tiegħu u li dan tal-aħħar huwa obbligat janalizza l-provi ppreżentati kollha sabiex jikkonkludi jekk humiex effettivament prova tar-reġistrazzjoni jew tal-preżentata tat-trade mark preċedenti, mingħajr ma jista' jiċħad minn qabel tip partikolari ta' prova bħala inaċċettabbli minħabba l-forma tagħha. Barra minn hekk, fil-punt 46 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li s-siltiet mir-reġistru tat-trade marks li jintbagħtu flimkien mal-att ta' oppożizzjoni jippermettu, minn naħa, li tiġi ddeterminata d-data tal-iskadenza tal-protezzjoni tat-trade marks preċedenti u, min-naħa l-oħra, li jiġi konkluż li erba' mill-ħames trade marks preċedenti kienu validi fid-data li fiha l-Bord tal-Appell ta d-deċiżjoni tiegħu.

63 Fil-punt 46 tas-sentenza MIP Metro vs UASI — Tesco Stores (METRO), iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fin-nuqqas ta' produzzjoni mill-opponent tal-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti, mitluba skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94 mill-UASI, dan kien wettaq żball ta' liġi doppju meta kkunsidra, minn naħa, li l-iskadenza tal-validità tat-trade mark preċedenti qabel ma d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tiddeċiedi dwar l-oppożizzjoni ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni minnha u, min-naħa l-oħra, li d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ma għandhiex is-setgħa titlob informazzjoni dwar it-tiġdid tat-trade mark preċedenti wara l-preżentata inizjali tal-provi.

64 Kuntrarjament għal dak li ssostni Anheuser-Busch u fi kwalunkwe każ, lanqas ma jidher li, qabel l-adozzjoni tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-2005, il-prassi kostanti tal-UASI kienet stabbilita fis-sens li l-opponent kellu jipprovdi, fuq inizjattiva tiegħu stess, il-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti flimkien mal-fatti, provi u argumenti l-oħra li għandhom jiġu ppreżentati insostenn tal-oppożizzjoni fit-terminu mogħti għal dan il-għan mill-UASI skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94.

65 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, fid-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-9 ta' Lulju 2003 inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Atomic Austria vs UASI — Fabricas Agrupadas de Muñecas de Onil (ATOMIC BLITZ), iċċitata iktar 'il fuq, dak il-bord tal-appell kien ċaħad l-oppożizzjoni minħabba n-nuqqas ta'

produzzjoni, fil-ħin preskritt, tal-prova tat-tiġdid tat-trade marks preċedenti, filwaqt li osserva li tali prova kienet intalbet b'mod ċar u inekwivoku fin-nota li ntbagħtet mal-ittra tal-UASI lill-opponent skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94.

66 Għall-kuntrarju, fid-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Mejju 2004 inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza MIP Metro vs UASI — Tesco Stores (METRO), iċċitata iktar 'il fuq, l-imsemmi bord tal-appell laqa' appell minn deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li kienet ċaħdet l-oppożizzjoni minħabba li, minkejja li l-opponent kien ġie mistieden sabiex jipproduċi l-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti, huwa ma kienx ipproduċiha. Il-Bord tal-Appell ikkunsidra li, fid-data tal-preżentata tal-oppożizzjoni u anki fid-data li fiha l-provi kienu ntalbu, id-dritt preċedenti kien għadu validu u li, għalhekk, l-opponent ma kellux għalfejn jipprova t-tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark li tagħha kien il-proprjetarju.

67 Minn dan jirriżulta wkoll li, kuntrarjament għal dak li ssostni Anheuser-Busch, lanqas ma jidher li d-dispożizzjonijiet tar-Regola 19(2) u (4) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-2005 jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan il-każ minħabba li dawn jikkostitwixxu biss sempliċi kodifikazzjoni tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali, abbażi ta' prassi kostanti tal-UASI, tal-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94 u tar-Regoli 16(1) u (3), u 20(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995.

68 Fi kwalunkwe każ, għalkemm id-dispożizzjonijiet imsemmija tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-2005 issa jipprevedu, f'ċerti limiti, obbligu espliċitu għall-opponent li jipproduċi l-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti fit-terminu

msemmi fl-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94, huma b'hekk jagħmlu preċiżjoni tar-regola ġenerali prevista fid-dispożizzjoni tal-aħħar intiża sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali tal-operaturi involuti fi proċedimenti ta' oppożizzjoni quddiem l-UASI. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament fil-punt 76 tas-sentenza appellata, ir-regoli l-ġodda stabbiliti permezz tar-regolament ta' implementazzjoni msemmi ma jistgħux jiġu applikati b'mod retroattiv f'din il-kawża.

69 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 79 tas-sentenza appellata, billi rreferiet barra minn hekk għall-punt 41 tas-sentenza MIP Metro vs UASI — Tesco Stores (METRO), iċċitata iktar 'il fuq, li minn qari tar-Regoli 16 u 20 flimkien tar-Regolament ta' implementazzjoni tal-1995 jirriżulta li, minn naħa, l-UASI jista' jitlob il-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti meta din tkun ser tiskadi wara d-data tal-preżentata tal-att ta' oppożizzjoni u li, min-naħa l-oħra, minn dawn l-istess dispożizzjonijiet ma jirriżultax li l-opponent għandu l-obbligu jipproduċi, fuq inizjattiva tiegħu stess, tali prova.

70 Għandu jingħad ukoll, kif barra minn hekk iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 41 u 46 tas-sentenza MIP Metro vs UASI — Tesco Stores (METRO), iċċitata iktar 'il fuq, li s-setgħa mogħtija b'dan il-mod lill-UASI sabiex jitlob il-prova tat-tiġdid tat-trade mark preċedenti tista' tiġi bbażata anki fuq l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 40/94.

71 Minn dan isegwi li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94

L-argumenti tal-partijiet

72 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, Anheuser-Busch tilmenta li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Bord tal-Appell seta' jieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċertifikat ta' tiġdid mingħajr ma kien obbligat jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilu mill-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94 u rikonoxxuta fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, UASI vs Kaul (C-29/05 P, Ġabra p. I-2213, punt 43).

73 Billi kkunsidrat li ċ-ċertifikat ta' tiġdid kien ġie pprovdut fit-terminu mogħti u li l-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94 ma kienx japplika, il-Qorti Ġenerali kisret mhux biss ir-regoli proċedurali dwar il-preżentazzjoni tal-provi fit-termini mogħtija fil-kuntest tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni quddiem l-UASI, ilment li ġie eżaminat fil-kuntest tal-ewwel aggravju, iżda kisret ukoll l-imsemmi Artikolu 74(2) stess.

74 L-UASI jsostni li, peress li Budvar ma kinitx marbuta b'xi terminu speċifiku sabiex tippreżenta l-prova tat-tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark R 238 203, l-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94 ma kienx applikabbli għaċ-ċirkustanzi tal-każ u għalhekk il-Bord tal-Appell ma kellux għalfejn jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali prevista fl-artikolu msemmi.

75 Budvar issostni li, peress li l-opponent ma għandux l-obbligu jipprovdi ċ-ċertifikat ta' tiġdid f'xi terminu partikolari, ma kienx hemm "preżentata tard" fil-każ ineżami. Qabel ma jiddeċiedi dwar l-oppożizzjoni, l-UASI għandu jeżamina fuq inizjattiva tiegħu stess jekk id-drittijiet invokati insostenn tal-oppożizzjoni humiex validi. Il-mument li fih l-opponent ippreżenta ċ-ċertifikat ta' tiġdid tat-trade mark preċedenti li tagħha huwa l-proprjetarju jew il-kwistjoni ta' jekk huwa effettivament ippreżentahx ma humiex rilevanti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

76 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, Anheuser-Busch tilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 71 tas-sentenza appellata, li ma seta' jiġi kkonstatat ebda ksur tal-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94 fil-konfront tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċertifikat ta' tiġdid.

77 Peress li, skont Anheuser-Busch, l-imsemmi ċertifikat ma ġiex prodott fit-terminu mogħti mill-UASI skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94, dan huwa l-każ ta' prova li ma ġietx prodotta fil-ħin preskritt fis-sens tal-Artikolu 74(2) tar-regolament imsemmi. Għaldaqstant, l-UASI seta' ma jieħdux inkunsiderazzjoni biss billi jeżerċita s-setgħa li jinjora l-provi ppreżentati tard mogħtija lilu għal dan il-għan minn din l-istess dispożizzjoni. Issa, f'dan il-każ, l-UASI ma eżerċitax din is-setgħa peress li kkunsidra, b'mod żbaljat, li l-prova kienet ingħatat fil-ħin preskritt.

78 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li mill-punt 69 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkunsidrat, f'dan il-każ, li l-opponent ma kienx obbligat jipproduċi l-prova tat-tiġdid tat-trade mark R 238 203 fit-terminu mogħti skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament Nru 40/94.

79 Peress li ċ-ċertifikat ta' tiġdid kien ġie prodott fil-ħin preskritt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament li ma kienx hemm lok għall-UASI li japplika s-setgħa mogħtija lilu mill-imsemmi Artikolu 74(2) sabiex ikun jista' jieħu inkunsiderazzjoni din il-prova.

80 Għaldaqstant, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94

L-argumenti tal-partijiet

81 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, Anheuser-Busch issostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94 meta ddeċidiet li l-provi tal-użu tat-trade mark R 238 203 pprovduti minn Budvar insostenn tal-oppożizzjoni tagħha kienu suffiċjenti.

82 Skont Anheuser-Busch, il-prova tal-użu pprovduta minn Budvar turi biss, kważi kollha kemm hi, l-użu ta' trade mark oħra, jiġifieri t-trade mark Nru 674 530, li tinkludi, f'forma stilizzata, it-termini "Budweiser Budvar". Issa, din it-trade mark tal-aħħar ma tteħditx inkunsiderazzjoni mill-Bord tal-Appell u lanqas mill-Qorti tal-Ġustizzja peress li ma tikkostitwixxix dritt preċedenti fil-konfront tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

83 Madankollu, mill-punti 81 sa 86 tas-sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Il Ponte Finanziaria vs UASI (C-234/06 P, Ġabra p. I-7333), jirriżulta li l-prova tal-użu ta' trade mark irreġistrata ma tistax tikkostitwixxi, fl-istess ħin, il-prova tal-użu ta' trade mark oħra rreġistrata. Il-Qorti Ġenerali kien imissha eżaminat l-applikabbiltà ta' dan il-prinċipju fil-kawża ineżami.

84 Anheuser-Busch tqis li l-Qorti Ġenerali kien imissha għamlet dan l-eżami peress li hija kienet sostniet li d-dokumenti pprovduti bħala provi tal-użu minn Budvar ma kinux jissodisfaw il-kriterji previsti mill-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94 u peress li hija kienet ikkontestat dawn il-provi fir-rigward, b'mod partikolari, tan-natura tal-użu magħmula mit-trade mark, jiġifieri l-mod kif din tidher fuq il-prodotti stess.

85 Huwa għalhekk b'mod żbaljat li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 112 tas-sentenza appellata, li Anheuser-Busch ma kinitx ikkontestat il-fatt li d-dokumenti inkwistjoni kienu jikkonċernaw l-użu tat-trade mark R 238 203.

86 L-UASI jsostni, l-ewwel nett, li t-tielet aggravju huwa inammissibbli għal żewġ raġunijiet.

87 Fl-ewwel lok, dan huwa aggravju li jintroduċi motiv ġdid li jibdel is-suġġett tal-kawża kif ippreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali meta l-preżentazzjoni ta' tali motiv ġdid hija pprojbita mill-Artikoli 113(2) u 116(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja peress li l-istħarriġ ta' din il-qorti huwa limitat għar-risposti mogħtija mill-Qorti Ġenerali lill-motivi invokati quddiemha.

88 Dan jgħodd iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li kienet is-suġġett tal-appell li wassal għas-sentenza Il Ponte Finanziaria vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, kienet diġà ngħatat meta Anheuser-Busch ippreżentat ir-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, b'tali mod li ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lil Anheuser-Busch milli tippreżenta motiv f'dan is-sens fir-rikors tagħha.

89 Fit-tieni lok, mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali qagħdet tindika l-provi ppreżentati minn Budvar sabiex turi l-użu tat-terminu "budweiser" "f'diversi forom". Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali f'ebda mument ma ssuġġeriet li l-użu tat-trade mark R 238 203 kien ġie stabbilit abbażi ta' provi ta' użu li jikkonċernaw it-trade mark Nru 674 530. Li kieku għamlet dan, il-Qorti Ġenerali kienet barra minn hekk tevoka l-applikazzjoni għall-kawża ineżami tal-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament Nru 40/94.

90 Il-konklużjoni misluta mill-Qorti Ġenerali mill-provi prodotti minn Budvar, jiġifieri li dawn jikkonfermaw l-użu ġenwin mit-trade mark R 238 203, inkluż fil-forma ta' kelma, tikkostitwixxi barra minn hekk konstatazzjoni ta' fatt li ma taqax taħt l-isħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja.

91 It-tieni nett, jekk jitqies li dan l-aggravju huwa ammissibbli, l-UASI jsostni li dan fi kwalunkwe każ ma huwiex fondat peress li huwa bbażat fuq żnaturament tal-fatti.

92 Fl-aħħar nett, il-prinċipju stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il Ponte Finanziaria vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, ma jistax jiġi applikat fil-kawża ineżami peress li ċ-ċirkustanzi tagħha jeskludu kull analoġija. Dan il-prinċipju japplika biss jekk żewġ trade marks differenti jkunu invokati b'mod validu mill-opponent u t-tnejn li huma jkunu suġġetti għar-rekwiżit tal-prova tal-użu. Huwa biss f'tali każ li jkun hemm ir-riskju li l-prova tal-użu ta' trade mark tkun tista' sservi sabiex jiġi evitat ir-rifjut tat-trade mark l-oħra fil-kuntest tal-oppożizzjoni.

93 Madankollu, dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża minħabba li t-trade mark Nru 674 530, li tinkludi, f'forma stilizzata, it-termini "Budweiser Budvar", ma tistax tiġi invokata fi proċedimenti ta' oppożizzjoni sa fejn ma tikkostitwixxix dritt preċedenti.

94 Budvar issostni li kemm l-UASI u kif ukoll il-Qorti Ġenerali kkonfermaw li l-provi li hija kienet ipproduċiet kienu jistabbilixxu b'mod ċar in-natura tal-użu tat-trade mark, jiġifieri użu fir-rigward tal-birra.

95 Budvar issostni li hija pprovdiet dokumenti li jipprovaw l-użu tat-trade mark R 238 203 peress li din it-trade mark kienet tidher, minn tal-inqas, fuq il-prodotti rilevanti, jiġifieri birra, li r-reklami għalihom ġew ipprovduti minnha. Dawn il-fatti, b'mod ċar, kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni fil-punti 110 sa 115 tas-sentenza appellata.

96 Barra minn hekk, f'din il-kawża huwa esklużriferiment għas-sentenza Il Ponte Finanziaria vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, peress li dik is-sentenza kienet tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk il-prova tal-użu ta' trade mark tistax isservi bħala prova tal-użu ta' trade mark oħra filwaqt li, f'din il-kawża, il-prova tal-użu ġenwin mit-trade mark R 239 203 kienet effettivament ingħatat mill-opponent permezz tal-produzzjoni ta' diversi dokumenti li jipprovaw l-użu tat-terminu "budweiser" b'konnessjoni mal-birra.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

97 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, Anheuser-Busch essenzjalment tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma annullatx id-deċiżjoni kontenzjuża għar-raġuni li, fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94, id-dokumenti prodotti minn Budvar kienu insuffiċjenti sabiex jipprovaw l-użu ġenwin mit-trade mark R 238 203.

98 Skontha, is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi fuq dan il-punt minħabba li d-dokumenti inkwistjoni juru, essenzjalment, l-użu ta' trade mark oħra, jiġifieri t-trade mark Nru 674 530, trade mark li madankollu l-Bord tal-Appell ma ħax

inkunsiderazzjoni peress li ma tikkostitwixxix trade mark preċedenti fis-sens tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 40/94. Issa, mis-sentenza Il Ponte Finanziaria vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, u b'mod partikolari mill-punt 86 tagħha, jirriżulta li l-prova tal-użu ta' trade mark irreġistrata ma tistax tikkostitwixxi, fl-istess ħin, il-prova tal-użu ta' trade mark oħra rreġistrata għar-raġuni li din tal-aħħar tkun biss ftit differenti minn tal-ewwel.

99 Madankollu, kif isostni ġustament l-UASI, permezz ta' dan l-aggravju Anheuser-Busch tqajjem motiv li ma kienx jagħmel parti mir-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali fil-konfront tad-deċiżjoni kontenzjuża.

100 Għaldaqstant, dan huwa motiv ġdid li jestendi s-suġġett tal-kawża u li, għalhekk, ma jistax jiġi ppreżentat għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Les Éditions Albert René vs UASI, C-16/06 P, Ġabra p. I-10053, punt 125).

101 Fil-fatt, għandu jiġi osservat li, fil-punti 110 u 112 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li Anheuser-Busch ma kinitx ikkontestat il-fatt li d-dokumenti inkwistjoni kienu jikkonċernaw l-użu tat-trade mark R 238 203. Fil-punt 114 tas-sentenza msemmija, il-Qorti Ġenerali indikat li Anheuser-Busch kienet sostniet quddiemha li l-Bord tal-Appell kien imissu bbaża ruħu fuq kunsiderazzjonijiet oħra, bħan-natura tal-użu ta' din it-trade mark fil-Ġermanja u fl-Awstrija.

102 Minn dan jirriżutla li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li s-suġġett tal-kawża li biha kienet adita kien jikkonċerna biss il-kwistjoni ta' jekk id-dokumenti inkwistjoni kinux suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit l-użu ġenwin mit-trade mark R 238 203, b'mod partikolari fir-rigward tan-natura tal-użu tagħha, u ma kienx jikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk dawn id-dokumenti kinux jikkonċernaw l-użu ta' dan it-trade mark jew l-użu ta' trade mark oħra li wkoll kienet invokata mill-opponent iżda mwarrba mill-UASI matul il-proċedimenti ta' oppożizzjoni.

103 Għaldaqstant, fil-punt 114 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement wieġbet għall-argumenti mqajma quddiemha fir-rigward tal-ewwel kwistjoni u ma kkunsidratx it-tieni kwistjoni li, barra minn hekk, ma ġietx diskussa quddiemha.

104 Madankollu, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Anheuser-Busch issostni li din il-kwistjoni tal-aħħar hija koperta mir-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari mit-tielet motiv tagħha.

105 Madankollu, mill-kliem stess tal-punti 110, 112 u 114 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali b'ebda mod ma injorat il-portata ta' dan il-motiv.

106 Barra minn hekk, l-argument li l-provi pprovduti minn Budvar kienu jikkonċernaw l-użu ta' trade mark differenti minn dik it-trade mark li, waħedha, ittieħdet inkunsiderazzjoni mill-Bord tal-Appell, ma għandux rabta suffiċjenti mat-tielet motiv invokat quddiem il-Qorti Ġenerali, ibbażat fuq l-argument li dawn il-provi ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex it-trade mark preċedenti inkwistjoni tiġi kkunsidrata li kienet is-suġġett ta' użu ġenwin u, għalhekk, tali argument ma jistax jitqies bħala sempliċi żvilupp fuq it-tielet motiv.

107 Fil-fatt, dan l-argument jikkonċerna l-punti 81 sa 86 tas-sentenza Il Ponte Finanziaria vs UASI, iċċitata iktar 'il fuq, li jikkonċernaw motiv ibbażat fuq l-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament Nru 40/94, filwaqt li t-tielet motiv invokat minn Anheuser-Busch quddiem il-Qorti Ġenerali huwa bbażat fuq l-Artikolu 43(2) u (3) tar-regolament imsemmi.

108 Fi kwalunkwe każ, is-suġġett ta' dan l-argument huwa differenti minn dak tat-tielet motiv tar-rikors għal annullament peress li ma huwiex intiż li jikkontesta r-realtà tal-użu kummerċjali tat-trade mark preċedenti iżda jikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk il-provi jikkonċernawx trade mark u mhux oħra.

109 Għaldaqstant, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

110 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li ebda wieħed mit-tliet aggravji invokati minn Anheuser-Busch insostenn tal-appell tagħha ma jista' jintlaqa' u, għalhekk, dan l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

111 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li Anheuser-Busch tilfet il-kawża, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż kif mitlub mill-UASI u minn Budvar.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla), taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Anheuser-Busch Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem